# IT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

## Ġudikatur

**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**

**Seduta tal-Erbgħa, 11 ta' Marzu 2020**

**Talba Numru 163/2019SFJ**

***360 Food Imports Limited (C46590)***

***vs.***

***Letizia Refalo (58794M)***

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fis-27 ta' Ġunju 2019 li permezz tiegħu s-soċjetà attriċi esponiet u talbet:

> *"Illi s-soċjetà esponenti timporta u tbigħ lokalment merkanzija relatata mal-ikel u x-xorb;*
>
> *Illi l-konvenuta topera ħanut taħt l-isem ta' Two Brothers Self Service u ordnat mingħand is-soċjetà esponenti numru ta' merkanzija;*
>
> *Illi s-soċjetà esponenti ikkonsenjat il-merkanzija kollha rikjesta u l-konvenuta qatt ma oġġezzjonat dwar il-kwalità jew il-kwantità tal-merkanzija ikkonsenjata u qatt ma*

*oġġezzjonat għall-invoices maħruġa u dan hekk kif ser jiġi ppruvat aħjar waqt it-trattazzjoni;*

*Illi l-konvenuta hija debitriċi tas-soċjetà esponenti fl-ammont ta' elf u mija u wieħed u disgħin Ewro u ħames ċenteżmi (€1,191.05) liema ammont huwa dovut għall-merkanzija mibjugħa u kkonsenjata lill-konvenuta.*

*Bl-ispejjeż kollha u bl-imgħaxijiet mill-4 ta' Frar 2019 kontra l-konvenuta li minn issa hija nġunta għas-subizzjoni."*

Ra li l-konvenuta ġiet validament innotifikata bl-Avviż tat-Talba nhar l-10 ta' Lulju 2019 kif jidher mir-riferta relattiva (ara fol. 9 tal-proċess).

Ra li l-konvenuta ma ppreżentat ebda Risposta u ma dehret għal ebda seduta.

Ra r-rikors tas-soċjetà attriċi ippreżentat fid-9 ta' Ottubru 2019 li permezz tiegħu l-istess soċjetà attriċi nfurmat lit-Tribunal li l-partijiet kienu ltaqgħu bil-għan li l-mertu tal-kawża jkun riżolt. It-Tribunal ġie nfurmat li l-konvenuta kienet diġà bdiet tagħmel xi pagamenti. Għalhekk, is-soċjetà attriċi talbet differiment sabiex jilħaq isir il-ħlas dovut.

Sema' x-xhieda tal-Avv. Jonathon Abela mogħtija fl-udjenza tas-17 ta' Frar 2020 li fiha, f'isem is-soċjetà attriċi, xehed li sas-17 ta' Frar 2020, il-konvenuta kien jonqosha tħallas **sitt mija u wieħed u disgħin Ewro (€691.00)**.

Ra li l-kawża tħalliet għas-sentenza għall-11 ta' Marzu 2020.

Ra li f'dik is-seduta, il-konvenuta reġgħet ma dehritx.

Ikkunsidra li l-kontumaċja waħedha ma titqiesx bħala ammissjoni tat-talba tal-attur da parti tal-konvenut iżda kontestazzjoni tal-istess. Għalkemm il-konvenut jibqa' kontumaċi, dan ma jfissirx li huwa abbanduna kull eċċezzjoni li seta' jagħmel fil-kawża u ammetta d-domandi. Il-ġudikant għandu jeżamina jekk it-talba hijiex ġustifikata independentement mill-kontumaċja tal-konvenut (ara ***Fenici Insurance Agency Limited noe vs. Paul Stoner et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell [Inferjuri] fit-22 ta' Novembru 2002). Il-prova bil-kapitolu għandha tiġi evalwata u meqjusa flimkien ma' kull prova li tkun prodotta.

Ra li l-istitut tal-kontumaċja hu intiż biss sabiex irażżan l-atteġġjament tal-kontumaċja u disprezz da parti ta' min ġie ċitat biex jersaq quddiem il-qorti (ara ***Kummissarju tal-Artijiet vs. John Curmi*** deċiża mill-Prim' Awla fil-31 ta' Jannar 2003).

*Siccome* għalhekk il-kontumaċja mhix ammissjoni iżda oppożizzjoni, xorta waħda l-attur irid jipprova l-allegazzjoni minnu vantata sabiex tirnexxi l-azzjoni tiegħu (ara ***Carmel Schembri vs. Dorianne Zerafa*** deċiża mill-Prim' Awla fit-12 ta' Lulju 2001).

Wara li t-Tribunal ra d-dokumentazzjoni ippreżentata u sema' x-xhud, jidhirlu li t-talbiet tas-soċjetà attriċi ġew sodisfaċentement ippruvati iżda limitatament għas-somma ta' sitt mija u wieħed u disgħin Ewro (€691.00), kif jidher ċar mix-xhieda tal-istess xhud.

**Deċide**

Għaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din l-azzjoni billi jilqa' t-talba tas-soċjetà attriċi limitatament għas-somma ta' sitt mija u wieħed u disgħin Ewro (€691.00) u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuta tħallas din l-istess somma lis-soċjetà attriċi.

It-Tribunal , jordna li l-imgħax fuq l-ammont ta' sitt mija u wieħed u disgħin Ewro (€691.00) għandu jiddekorri mill-4 ta' Frar 2019, kif mitlub fl-avviz.

It-Tribunal jordna li l-ispejjeż tal-kawża għandhom jitħallsu mill-konvenuta.

**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**
**B.A., L.P., Mag. Iur. (Int. Law), LL.D.**
**Ġudikatur**